**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 51**

**Data:** **21 ta' April 2023**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

51.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

51.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

51.5 Korrispondenza u Rapporti;

51.6 Offerti;

51.7 Attivitajiet;

51.8 Attivita' Infiorata;

51.9 Festa 2023;

51.10 Skeda ta' Pagamenti;

51.11 Materji ohra;

51.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**51.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

51.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

51.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.3.1 Is-Sindku spjega li l-Arcipriet installa lift sabiex ikun hemm iktar accessibilita' gewwa l-Knisja Parrokkjali u Bazilika ta' l-Gharb. Is-Sindku ppropona li tinghata ghajnuna u sapport lil Knisja ta' €5000. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti l-ghajnuna tieghu f'dan ir-rigward.

51.3.2 Is-Sindku informal ill-memrbi li l-Kunsill gie mistoqsi mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jekk ghadux interessat fid-devoluzzjoni tal-Mithna ta' Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel unanimament li ghadu interessat sabiex din tigi trasformata f'centru ta' arti vizwali u performing arts.

51.3.3 Gie diskussa s-sitwazzjoni tal-MCA fir-rigward ta' l-istrument li gie installat fuq propjeta' privata fi Triq il-Kan. F. Mangion. Ir-rapport tal-MCA wara li ttiehed it-test mehtieg ikkonkluda li r-raggi trasmessi kienu skond il-limitu pero' meta dan kien intbghat ghand l-Inginier tal-Kunsill dan kien innota li l-istrument uzat biex saru t-testijiet mehtiega ma kienx kalibrat u ghaldaqstant huwa rrakomanda li dan ghandu jerga' jittiehed kif suppost. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li l-Inginier ghandu jintalab isib persuna li tkun tista' tiehu dan it-tip ta' test u hekk kif jinhargu r-rizultati tigi nfurmata l-MCA.

51.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Agenzija Sapport kienet ghamlet zjara tal-Meeting Hub u qeghda tikkunsidra li tibda' taghti servizzi minn dan il-post.

9.10am Tonio Mifsud dahal ghal-laqgha

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

51.3.5 Is-Sindku spjega li kien wasal l-arblu u jrid jigi installat. Huwa spjega li sabiex jigi installat trid issir toqba blokka tal-konkos, jinstab min ser jaghmel il-welding u min jiccertifika l-welding. Dwar il-post kienu diskussi diversi spots pero' l-ahjar spot hija dik tal-kantuniera ma' minn Triq l-Gharb ghal Triq San Niklaw Kercem. Il-Kunsill qalbel unanimament u jhalli f'idejn is-Sindku sabiex jikkordina x-xoghol flimkien mall-Perit Edward Scerri u Enginier Matthew Cauchi. Flimkien ma' dawn l-esperti ghandu jinstab min ser jaghmel il-welding u kumpanija li ser ticcertifika ix-xoghol. Miriam Borg issugeriet li ghanda issir palju/bandiera. Kien deciz li id-dizinn ghandu issir mil-artist Josef Camilleri Cauchi u wara ikun stampat taghha barra min Malta. Is-Sindku zied jghid li ghal inawgurazzjoni ghanda issir avveniment li ghandu jigi diskuss waqt laqgha ohra.

51.3.6 Is-Sindku spjega li meta kien jinsab gewwa Melbourne l-Awstralja kien iltaqa' mas-Sindku ta' Melbourne u kien stiednu sabiex jigi ghall-festa tal-Madonna ta' Pinu u kif ikun hawn jattendi ghal dik ta' l-Gharb bil-possibilita' li jigi ffirmat gemellagg ma' Bacchus Marsh peress li dawn il-lokalitajiet ghandhom in komuni b'mod partikolari s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Huwa qal li s-Sindku kien interessat pero' din kienet ser tigi diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill ta' Melbourne. Min-naha tal-Kunsill Lokali l-Gharb kien hemm qbil li dan il-gemellagg isir.

**51.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

51.4.1 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn staqsa dwar iz-zejt li kien maghsur miz-zebbug tas-sigar madwar ir-rahal, jekk dan ghadux ghand il-Kunsill u hemmx hsib li ssir attivita' marbuta ma' dan il-ghan. Is-Sindku wiegeb li dan iz-zejt qieghed il-Kunsill u fuqu hemm disinn li kien ta' Amy Brooke.

**51.5 Korrispondenza u Rapporti**

51.5.1 Giet trattata korrispondenza minn residenti fi Triq Frenc ta' l-Gharb fejn qed jintalbu jsiru zewg *road humps* fi Triq Frenc ta' l-Gharb wahda n-naha t'isfel ta' Triq Frenc ta' l-Gharb fejn ir-remissa ta' Frenc ta' l-Gharb u wahda aktar 'il fuq. Dawn is-siti gew murija fuq ir-ritratti li gew ipprezentati mall-korrispondenza. Tonio Mifsud staqsa jekk dawn jistghux isiru bit-tarmak pero' gie spjegat li dawn huma kontra l-ligi u setghu jsiru dawk tar-*rubber*. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li sakemm ir-residenti ma jogezzjonawx u jigu approvati mit-Transport Malta dawn ghandhom jigu installati.

51.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand il-Malta Production Hub Limited dwar il-film Madame Le Blanc li ser ikun qeghda jerga' jsir minn gewwa l-Gharb. Ghal din is-sena l-film ser ikun aktar fuq xeni gewwa milli barra u ghal dawk ta' barra

gie mitlub il-permess mehtieg mill-Kunsill. Dan huwa previst li jsir fil-bidu ta' Gunju u ghall-ahhar tas-Sajf. Apparti dan ser titpogga l-funtana fil-pjazza bhas-sena l-ohra bil-ftehim li ghall-festa tkun trid tizzarma. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu l-permessi mehtiega.

51.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bic-Cirkulari SPI/SCI/05/2023 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill-Gvern Centrali. Is-Sindku ssugerixxa sabiex ghal din l-applikazzjoni l-Kunsill japplika b'xoghol ta' manutenzjoni fuq l-arkata ta' Triq ta' Sdieri. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament ma' dan is-suggeriment.

51.5.4 Giet trattata korrispondenza minghand Alberta dwar 'maintenance agreement' fuq ic-CCTV Cameras li ser tiswa €840 fis-sena. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi ffirmat..

**51.6 Offerti**

51.6.1 Gie trattat ir-rapport dwar l-offerta tat-toroq taht il-fondi M4.3 fejn kien hemm żewġ kuntratturi. Gie innotat li l-prezz gie hafna inqas mill-budget li hemm disponibbli. Il-Kunsill qabel li ghandu jintaghzel l-irhas offerent li kien Peter Paul Said.

51.6.2 Gie spjegat li bhalissa fis-suq il-Kunsill ghandu żewġ offerti ohra li huma dawk ta' smart parking u tal-PV Panels ta' fejn il-ground. Dawn ser ikunu qeghdin jaghlqu fil-gimghat li gejjin.

51.6.3 Il-Vici Sindku qal li l-outdoor gym gie vera sabih u jispera li dan jibqa' jinżamm fi stat tajjeb. Is-Sindku qal li hemm problema bis-sigar peress li dawn qed ihamgu hafna z-zona u li l-ahjar li jiġu mizbura. Joseph Mizzi ġibed l-attenzjoni li fejn hemm il-gym hemm targa u ghaldaqstant staqsa jekk hux possibbli din tehel xi tabella jew tiġi rranġata. Is-Sindku qal li dik ser jitranġa u bit-tapit ser titranġa l-problema.

**51.7 Attivitajiet**

51.7.1 Il-membri gew infakkra li fis-7 ta' Mejju ser issir l-attivita' tal-Gharb Community Services Day fejn ghal din is-sena ser ikun hemm il-pulizija tad-distrett, Community Police, Malta Mouted Section, sezzjoni tal-klieb, Special Intervention Forensic Unit, Armata, CPD, ERRS u LESA. Il-Kunsill qabel li ghandha tinbeda l-pubblicita' ta' din l-attivita'.

51.7.2 Gie diskuss il-progett tal-Astronomija fejn is-Sindku qal li bejn it-8 u 12 ta' Mejju l-*equipment* ghandu jigi installat u wara ssir l-inawgurazzjoni.

51.7.4 Attivitajiet ohra jinkludi l-ftuh tac-Centru ta' Matul il-Jum hekk kif jispiccaw ix-xogholijiet fuq il-faccata tal-kazin. Is-Sindku ssugerixxa li ghal dan ghandu jigi infassal program u jigi diskuss mall-Arcipriet fejn jigu inkluzi ukoll l-ghaqdiet ta' l-Azzjoni Kattolika u tal-Legjun ta' Marija. Jekk dan ma jkunx possibli jrid isir bl-istaff tal-Kunsill. Tkompliet id-diskussjoni fejn wiehed irid jara jekk ikunx miftuh darba fil-gimgha u kif ikun organizzat. Is-Sindku ssugerixxa li fil-bidu dan ghandu jsir darba fix-xahar u li jistghu jigu mistiedna residenti ta' l-Ghasri u San Lawrenz fejn ikun nhar ta' Hamis u fejn hemm bzonn il-Van tal-Kunsill taghti servizz li dawn jingabru u jergghu jittiehdu lura. Tonio Mifsud issugerixxa li jsiru anke *talks* fejn is-Sindku qal li dan normalment jigu inkluzi bhala parti mid-Day Centre. Il-Kunsill qabel li dan ic-Centru ghandu jinfetah fejn flimkien ma' l-inawgurazzjoni tieghu issir l-inawgurazzjoni ta' l-APP tal-Kunsill li kienet parti minn dan il-progett.

**51.8 Attivita' Infiorata**

51.8.1 Is-Sindku qal li l-gimgha d-diehla ser isir il-festival tal-Infiorata fejn il-program ser jinghta bidu l-gimgha 28 ta' April fejn filghodu ser isir tour u filghaxija konferenza u ftuh ta' ezebizzjoni. Waqt is-serata ta' filghaxija ser isir skambju ta' tokens u ikla fis-sala tal-Ministeru.

Fil-gurnata tas-Sibt ser tkun qeghda tigi installata l-Infiorata fit-tela' tas-Sur u ohra fi Pjazza Indipendenza li tibqa' hemm sat-Tnejn 1 ta' Mejju. Dan ix-xoghol irid ikun lest sal-5.30pm fejn wara tigi inawgurata mill-Ministru ghal Ghawdex u ikla ufficjali. Is-Sindku stieden lill-membri tal-Kunsill ikun prezenti ghal din l-ikla li fiha ser ikun hemm il-partecipanti u ufficjali mill-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Hadd 30 ta' April ser ikunu qed isiru workshops gewwa l-Villa Rundle segwit b'lunch u tour fuq il-Hop On Hop Off u ikla ta' l-ahhar. It-Tnejn l-1 ta' Mejju l-gruppi jitilqu ghal Malta. Gie spjegat li b'kollox ser ikun hawn madwar 62 persuna. Il-Kunsill qabel mall-program kif gie ipprezentat.

**51.9 Festa 2023**

51.9.1 Ghall-festa ta' din is-sena kif gie diskuss huwa previst li jkun hemm l-arblu f'postu. Fil-gurnata tal-Hadd issir l-Infiorata fejn gie issugerit li ghal din is-sena jkun hemm l-emblema ta' l-Assocjazzjoni EspressjonArti Gharb, tema ohra relatata mall-qassis gdid Matthew Bajjada u tema ohra. Il-Kunsill iddiskuta dwar din x'tista' tinkludi fejn innota li tista' tkun relatata ma' folklore. Il-Kunsill qabel li din il-materja tkompli tigi diskussa mad-disinjatur. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jintlabu kwotazzjonijiet ghat-tindif ta' waqt il-festa' li jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

51.9.2 Gie spjegat ukoll li l-gurnata tal-Hamis li ghal din is-sena ser tahbat ukoll l-

Imnarja ser jitella' xorta wahda il-kuncert fuq il-plancier. Tkompliet id-diskusjsoni fejn gie innotat li meta kien isir fuq palk quddiem il-kazin kien ikun aktar sabih. Gie spjegat li l-problema tkun li tkun trid tinghalaq il-Pjazza u jkun hemm diversi ilmenti u apparti hekk huwa sabieh li jintuza l-plancier wara x-xogholijet ta' restawr li saru fuqu.

51.9.3 Dwar il-belveder ta' Wied ta' Jodros, gie spjegat li dan irid jigi rrangat qabel il-festa peress li f'dan il-post isir il-Marc ta' l-Erbgha u titpogga l-istatwa. Bhala xogholijiet gie innotat li jrid isir il-madum, railing u jitpoggew qsari biex isebbhu l-post. Saret diskussjoni fejn gie spjegat li l-madum irid ikun tajjeb u jiflah ghad-daqqiet. Is-Sindku qal li meta intalbu l-prezzijiet gie innotat li dan jiswa €70 ghal kull metru kwadru. Il-Kunsill qabel li dawn ix-xogholijiet ghandhom isiru.

51.9.4 Marbuta mall-festa hemm ukoll il-feature li jitella' ta' kull sena bis-sehem tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jikkollabora bhas-snin precedenti f'dan il-feature kif ukoll ghal toqob li jista' jkun hemm bzonn ghall-arbli.

**51.10 Skeda ta' Pagamenti**

51.10.1 L-Iskeda tal-Pagamenti gie approvata mill-Kunsill.

**51.11 Materji ohra**

51.11.1 Miriam Borg staqsiet dwar Triq l-Isqof M. Molina f'hiex waslet. Is-Sindku qal li ser issir it-trinka ta' l-Enemalta u meta din tkun lesta jibeda x-xoghol tat-tahmil. Huwa qal ukoll li ser issir laqgha mall-kuntrattur minhabba s-sqaqien fejn is-Sindku qal li dawn jekk ma jsirux mill-kuntrattur jinstab kuntrattur iehor pero' preferibilment isir mill-istess kuntrattur. Jista' jkun il-kaz ukoll li dawn isiru mill-haddiema tal-Kunsill bl-imprint.

**51.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

51.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023 fit-8.30am.

51.12.2 Il-laqgha spiccat fl-9.45am.

Konfermati minn

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv